**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 27 TA' NOVEMBRU, 2001**

**Numru: 5**

**Avviz Nru: 1077/01 AE**

**Lawrence Farrugia**

**vs**

**Salvatore u Rosaria sive Lucy konjugi Bellotti**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' disgha mitt lira Maltija (Lm900) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ghal self moghti lilhom skond skrittura privata datata 19 ta' Jannar 1998.

Semgha lill-attur jikkonferma bil-gurament l-kontenut ta' l-avviz tat-talba u li sal-lum l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra li l-konvenuti, ghalkemm debitament notifikati, ma deherux ghas-seduti tat-13 ta' Novembru 2001 u tal-lum. Lanqas ma pprezentaw risposta fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-iskrittura li ghab-bazi taghha l-attur qieghed jitlob il-hlas.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed ghar-ragunijiet fuq premessi jilqa' t-talba ta' l-attur u jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsuh is-somma ta' disgha mitt lira Maltija (Lm900). L-imghax jidekorri mid-data tal-prezentata ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**